MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 864/1993/1

**Citazzjoni Numru 864/93 GC**

**Emmanuel Azzoprdi**

**vs**

**Alfred Mizzi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa ha minghand l-konvenut hanut tal-laham;

Illi din il-kirja giet terminata;

Illi parti mill-ftehim kien jinkludi ammont ta' stock ta' prodotti tal-laham li kellu jithallas mill-konvenut;

Illi dan l-istock li halla l-attur u li gie accettat mill-konvenut kellu valur ta' Lm804.60;

Illi l-konvenut zamm l-istock izda ghalkemm interpellat baqa' ma hallasx;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunjiet premessi dina l-Qorti m'ghandhiex tikkundannah ihallas is-somma ta' tmin mija u erba' liri maltin u sittin centezmu (Lm804.60) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' stock tal-laham u prodotti ancillari skond ftehim;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-hrug tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :

(1) Illi l-eccipjenti ma ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex kwalsiasi beneficcju li seta' ha mill-istock tal-hanut kellu jmur biex ihallas u jikkompensa l-ispejjez tal-istess hanut;

(2) Illi dana kollu gie ahjar dettaljat f'citazzjoni li pprezenta l-eccipjent kontra l-attur quddiem din l-Onorabbli Qorti liema kawza ghandha tinstema kontestwalment ma' din il-kawa ai termini tal-artikolu 793 tal-kapitolu 12 tal-ligijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament;

Rat li din il-kawza giet trattata flimkien ma kawza ohra fl-ismijiet inversi – citazzjoni numru 129/94 – u ghalhekk il-provi kollha li saru f'din it-tieni kawza ghandhom jitqiesu bhala provi li saru fil-presenti kawza ukoll;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2000;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien assuma bi prova, minnghand il-konvenut, il-gestjoni ta' hanut tal-laham gewwa Marsascala. L-attur ha dan il-hanut ghal zmien tlett xhur u mil-bidu nett hallas il-kera ta' tlett xhur u hallas ghall-istock ta' laham li kien hemm cioe' circa Lm1300. Qabel ma skada l-imsemmi periodu ta' tlett xhur l-attur ddecieda li ma jkomplix f'din il-gestioni u ghalhekk il-partijiet ftehemu li l-konvenut jiehu lura l-hanut u kellu jiehu ukoll l-istock kollu ta' laham li kien qadd hemm fil-hanut meta saret din it-terminazzjoni. L-attur isostni li il-valur tal-istock fit-terminazzjoni kien ta' Lm804.60. L-istess attur jallega li l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmija somma u ghalehekk qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas dan l-istess ammont;

Il-konvenut qed jeccepixxi li ma ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex kwalsiasi beneficcju li huwa seta' ha mill-istock in kwestjoni dan kellu jmur biex ihallas u jikkompensa l-ispejjez tal-istess hanut. Difatti l-konvenut iddeducja dawn il-pretensjonijiet tieghu f'kawza separata (citazzjoni numru 128/94). Din it-tieni kawza giet tarttata flimkien mal-presenti, u qed tigi deciza ukoll illum;

F'din it-tieni kawza l-konvenut odjern talab li jigi dikjarat u deciz li huwa mhux debitur tal-attur odjern fl-ebda somma ta' flus. Il-konvenut jaqbel li mal-imsemmija terminazzjoni huwa ha l-istock ta' laham li kien hemm fil-hanut pero' skond il-konvenut huwa kellu jhallas ukoll ghall-ispejjez ta' dawl, ilma u telephones ghaz-zmien meta l-hanut kien f'idejn l-attur, oltre li kellu jhallas ghar-riparazzjoni tal-cash

register u tax-xutter u tal-mutur tal-bank tal-friza. Skond il-konvenut dawn l-ispejjez kollha jkopru sewwa l-valur tal-istock li halla l-attur fil-hanut u ghalhekk huwa ma ghandu jghati xejn lill-attur;

It-talbiet tal-attur u t-talbiet tal-konvenut kif dedotti fl-imsemmija kawza l-ohra ser jigu trattati flimkien fil-presenti;

Il-pretensjonijiet tal-attur jirrizultaw sufficjentemenmt ippruvati. Dan qed jinghad fis-sens li l-attur irnexxielu jipprova li l-partijiet ftehemu li meta l-konvenut ha lura l-hanut in kwestjoni ftehemu ukoll li l-istess konvenut kellu jiehu l-istock ta' laham li kien hemm fl-istess hanut. Del rsto dan hu ukoll ammess mill-konvenut. Jirrizulta ukoll sufficjentement pruvat li il-valur ta' dan l-istock kien jammonta ghas-somma ta' Lm804. Dan jirrizulta mid-deposizzzjonijiet tal-istess attur, tax-xhud minnu prodott Anthony Muscat u tax-xhud Michael Mizzi prodott mill-konvenut. Dan Michael Mifsud ikkonferma li huwa kien presenti meta l-partijiet ltaqghu biex jghamlu l-"stock taking" meta l-konvenut ha lura l-hanut in kwestjoni. Huwa jikkonferma li dan il "stock take" sar b'mod dettaljat u sar bil-miktub u kienu ukoll tnizzlu il-valur rispetti tal-laham in kwestjoni;

L-attur stess, pero', jammetti li mill-imsemmi ammont ta' Lm804, cioe' mill-valur tal-istock tal-laham, kellhom jinqatghu l-kontijiet tal-ilma, dawl u telephones relattivi ghal-periodu ta kemm dam igestixxi l-hanut l-attur. Kellhom jinqatghu l-ispejjez involuti biex jissewwew xi hsarat ghar-rigward tal-"lock" tax-"shutter". Ma gex presentati l-kontijiet relattivi pero' l-attur jghid li l-ispejjez tax-shutter kienu jammontaw ghal xi Lm20. Inoltre huwa kkalkola li l-kontijiet tat-telefon kienu jammontaw ghal circa Lm30, mentri ma ta' l-ebda indikazzjoni ta' kemm setghu telghu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma;

Peress li mill-provi ma jirrizultax ghal kemm kienu effettivament jammontaw dawn l-ispejjez, li kellhom jinqatghu mill-valur tal-istock, il-Qorti ser tillikwida dawn l-istess spejjez “arbitrio boni viri” tenut kont tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Ghalhekk dawn l-ispejjez qed jigu likwaidati fis-somma totali ta’ mija u erba liri maltin (Lm104). Din is-somma tirrizulta ragionevoli in vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz. Din is-somma ghalhekk trid titnaqqas mis-somma ta’ Lm804;

In vista ta’ dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti pero’ limitatament ghas-somma ta’ seba’ mitt liri maltin (Lm700);

Minn naha l-ohra l-pretensjonijiet tal-konvenut kif dedotti fl-eccezzjonijiet u fic-citazzjoni tieghu numru 128/94 ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. Il-konvenut meta xehed illimita ruhu li jghid li ma kienx hemm bizzejjed stock biex jghamel tajjeb ghall-ispejjez. Huwa pero ma tax dettalji u figuri la ghar-rigward tal-valur tal-istock u lanqas ghar-rigward tal-ispejjez minnu pretizi. In effett l-attur iddikjara li huwa nesa kemm kienu l-ispejjez pero fl-istess hin ikkalkolhom li jammontaw ghal circa Lm300. L-attur naqas, pero’, li jipproduci provi dokumentarji f’dan ir-rigward;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll it-talbiet tieghu kif dedotti fl-imsemmija citazzjoni numru 128/94 ghandhom kollha jigu rigettati;

Ghal dwan il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ seba mitt liri maltin (Lm700) rapprezentanti l-bilanc tal-

prezz ta' stock tal-laham u prodotti ancillari u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------